**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 128 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Paolo Mercieca**

Illum 11 ta' Dicembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Paolo Mercieca detentur tal-karta tal-identità numru 41732G, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-5 ta' Lulju 2020, fil-granet u l-gimghat ta' qabel gewwa Xewkija, Ghawdex u/jew fil-gzira ta' Ghawdex:

1. Naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Onor. Imhallef Dr. Aaron M. Bugeja LL.D.) b'digrieti ta' nhar il-5 ta' Novembru 2019 u ta' nhar is-16 ta' Gunju 2020 dan bi ksur ta' 579(1) tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Paolo Mercieca, u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna s-somma bhala

garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-17 ta' Lulju 2020, fejn il-Qorti, wara li kkunsidrat il-fedina penali tal-imputat, l-età tieghu u n-natura u l-gravità tal-akkuza migjuba kontrih, sabet lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontrih u wara li rat l-Artikoli 579 (1) u 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, (1) ikkundannat lill-imputat ghal multa ta' elf ewro (€1,000) u (2) ordnat il-konfiska tad-depozitu ta' tmint elef ewro (€8,000) favur il-Gvern izda mhux il-konfiska tal-garanzija personali u (3) ma ordnatx l-arrest mill-gdid tal-imputat u dan bil-kundizzjoni illi jmur jirrisjedi fl-indirizz li kien jirrisjedi fih qabel sehhew dawn il-fatti u cioè fil-fond "Trieste Flats", Flat 1, Block 2D, Triq il-Qbajjar, Marsalforn, u (4) mill-bqija zammet ferm id-digrieti tal-Beneficcju tal-Helsien mill-Arrest u l-Ordni ta' Protezzjoni mahruga mill-Qorti fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti wissiet lill-imputat illi huwa ghandu joqghod ghall-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fl-imsemmija Digrieti u fl-imsemmija Ordni ta' Protezzjoni.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u x'jigri f'kaz illi huwa ma jonorax l-obbligi tieghu skont l-istess sentenza u l-konsegwenzi relattivi.

**Dottor Damien Bigeni** ghall-imputat fis-seduta tas- 17 ta' Lulju,2020 quddiem l-Ewwel Qorti wara li giet pronunzjata s-sentenza appellata talab li minflok fil-fond Trieste Flats, Flat 1, Block 2D, Triq il-Qbajjar Marsalforn stante li dan kien fond mikri u ma ghadux fil-pussess tal-familja tal-imputat, l-imputat imur jirrisjedi fil-fond '*Sydney*', Triq Sant Indrija, Xewkija Ghawdex, il-Qorti laqghat din it-talba b'dan li bl-ebda mod u manjiera ma ghandu jersaq lejn l-inhawi tar-residenza tieghu u tal-allegat vittma.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Paolo Mercieca, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-4 ta' Awwissu 2020, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Fl-ewwel lok thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata gialadarba din hija nulla stante illi fiha hemm erogat piena li mhix konformi ma' dak mitlub

mil-ligi u konsegwentement tirrimetti l-atti lura lill-ewwel Onorabbli Qorti sabiex l-appellanti ma jitlifx il-beneficcju tad-*doppio esame*;

2. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tillibera lill-appellanti mill-akkuza dedotta fil-konfront tieghu;
3. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonferma dik il-parti fejn hija sabet lill-esponenti hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, thassarha u tirrevokaha fir-rigward tal-piena billi timponi wahda inqas harxa.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Paolo Mercieca huma s-segwenti u cioè:-

(1) Fl-interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet tal-Artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi tirrendi s-sentenza appellata nulla u minghajr ebda effett;

(2) Sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, fl-apprezzament hazin illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet tal-provi li kellha quddiemha fejn hija sabet htija meta fil-verità ma kellha tinstab l-ebda htija; u

(3) Sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, fin-nuqqas tal-ewwel Onorabbli Qorti meta hija applikat piena eccessiva wisq meta l-assjem tal-provi prodotti kellu certament iwassal sabiex ikun hemm temperament tal-piena f'dan is-sens.

### 1. L-EWWEL AGGRAVJU – NULLITÀ TAS-SENTENZA APPELLATA

Illi l-**Artikolu 579(2) tal-Kap.** 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi dan li gej:

> "(2) *Kull persuna li tonqos milli thares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest that garanzija tkun hatja ta' reat u tehel, meta tinsab hatja, il-piena ta' multa jew ta' prigunerija ghal zmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew ghal multa u prigunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest that garanzija ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.*"

Illi minn qari ta' dan l-Artikolu ghandu jirrizulta illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx korretta meta – ladarba sabet ksur ta' kundizzjoni – ordnat biss il-konfiska tad-depozitu u mhux ukoll tal-garanzija. Infatti decizjoni simili tmur kontra dak illi titlob il-ligi espressament;

Illi fic-cirkostanzi ghandu jsegwi illi s-sentenza appellata hija nulla gialadarba l-piena erogata ma tirriflettix dak illi titlob il-ligi;

Illi f'din il-vena hemm is-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Joseph Zammit et**" (deciza fit-28 ta' Jannar 1994) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat illi sentenza li teroga piena li mhix kontemplata fil-ligi hija nulla;

**2. IT-TIENI AGGRAVJU – APPREZZAMENT HAZIN**

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, u in linea sussidjarja ghall-ewwel aggravju fuq imsemmi, l-esponenti appellant jikkontendi illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li gew prodotti quddiemha, liema apprezzament hazin wassal ghal decizjoni illi hija bir-rispett kollu zbaljata;

Illi mill-kontenut tas-sentenza appellata jirrizulta illi n-nuqqasijiet li gew attribwiti lill-esponenti jikkonsistu f'dan li gej:

(a) Il-fatt li huwa allegatament kiser ordni ta' rinkazar bi ftit minuti; u
(b) Il-fatt li allegatament kien hemm komunikazzjoni bejnu fuq naha u huh u n-neputija tieghu fuq in-naha l-ohra;

Illi l-prosekuzzjoni intentat tressaq provi sabiex jigi stabbilit illi l-esponenti kiser il-hin tar-rinkazar. Fl-aghar ipotezi u li kieku wiehed kellu joqghod fuq il-kelma tal-familja tal-*parte civile* illi ovvjament ghandha l-interessi taghha, dan il-hin ta' rinkazar inkiser b'seba' minuti;

Illi però ghandu jinghad li ma tressqet l-ebda prova oggettiva illi tikkonferma illi l-ordni ta' rinkazar inkisret f'dan ir-rigward. L-esponenti ma nstabx barra minn xi pulizija u l-kaz tal-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward jistrieh fuq *recording* mehud mill-*parte civile* meta l-hin tas-sistema li tiehu l-filmat jista' facilment jinbidel;

Illi mhux talli hekk izda talli huwa normali f'tali sistemi illi l-hin taghhom ikun ivarja bi ftit minuti, per ezempju habba nuqqas ta' sinkronizazzjoni minn zmien ghal zmien;

Illi huwa ovvju li dan l-argument ma kienx ser ikun jista' jsir li kieku inghad li l-esponenti kien barra xi kwarta jew aktar wara l-hin ta' rinkazar. Mill-banda l-ohra però dan l-argument ci sta meta wiehed jikkunsidra li l-allegazzjoni hija biss ta' ftit minuti wara l-hin;

Illi ta' min ifakkar ukoll illi fil-kamp kriminali ghandha titressaq prova lil hinn minn kwalunkwe ombra ta' dubju – specjalment tenut kont tar-riperkussjonijiet li jista' jiffaccja l-esponenti – livell ta' prova illi bir-rispett kollu l-esponenti jemmen li ma ntlahaqx f'dan il-kaz konkret;

Illi l-esponenti ghandu wkoll id-dubji tieghu kemm jista' jinghad illi l-ordni ta' rinkazar inkisret meta huwa kien qieghed quddiem il-bieb ta' daru stess. Ma tghidx illi nstab xi mkien imbieghed minn daru. U anqas ma tghid illi huwa nstab f'xi kazin izda biss quddiem daru jitkellem ma' xi hadd li kien waqaf ikellmu quddiem tieghu;

Illi l-kwistjoni dwar jekk l-esponenti kellimx xhieda tal-prosekuzzjoni hija daqstant iehor cara. F'dan il-kaz gie allegat illi l-esponenti tkellem ma' huh Giuseppe Mercieca u man-neputija tieghu Therese Mercieca. Din tal-ahhar stess xehdet kif hi u bintha li ghandha tfal li kienu ghaddejjin minn Triq tas-Salib, Xewkija f'okkazjoni ta' darba, u kif f'dik l-okkazjoni bintha naturalment gibdet lejn l-esponenti li dak il-hin kien qieghed bilqieghda fuq bank quddiem daru – anke kkunsidrat illi hawn huma familja wahda;

Illi zgur li ma jistax jinghad illi l-esponenti mar ifittex lil Therese Mercieca hu stess; anzi bil-kontra. U zgur li ma jistax jinghad illi kien hemm xi intralc tal-provi jew xi ksur ta' xi ordni semplicement matul din l-okkazjoni ta' darba li damet biss ftit sekondi. Aktar u aktar, u a differenza ta' dak li qalet l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha, din Therese Mercieca digà xehdet fil-proceduri kriminali li hemm ghaddejjin; li jfisser ukoll illi l-esponenti bl-ebda mod ma seta' jinfluwenza dak li setghet tghid din ix-xhud (liema xhud ghandu jinghad li ma kinitx prezenti fil-hin tal-incident u li ghalhekk ghandha xhieda limitata);

Illi l-istess ragunament ghandu japplika fir-rigward tal-komunikazzjoni li kien hemm bejn l-esponenti u huh Giuseppe Mercieca. *Datum sed non concessum*, dawn il-komunikazzjonijiet kienu aktar frekwenti mill-komunikazzjoni wahdanija li kien hemm bejn l-esponenti u l-imsemmija Therese Mercieca. Però l-istess Giuseppe

Mercieca spjega fid-dettal fix-xhieda tieghu illi ta' anzjani li huma hu, huh (l-esponenti) u terzi jingabru fuq bank biex jghidu kelma senza fini ta' xejn. Tant hu hekk illi Giuseppe Mercieca stess ikkonferma li huma qatt ma tkellmu dwar il-kaz li kien hemm pendenti l-Qorti;

Illi rrizulta wkoll illi fil-maggoranza assoluta tal-kazi kien Giuseppe Mercieca li kien imur fuq il-bank fejn l-esponenti u mhux bil-kontra. Hlief ghal okkazjoni darba fejn inqalghet emergenza u Giuseppe Mercieca kellu bzonn iwassal lill-esponenti hu stess bil-vettura tieghu;

Illi ghandu jinghad ukoll illi Giuseppe Mercieca wkoll digà xehed u illi huwa ma kienx prezenti waqt l-incident li kien hemm bejn l-esponenti fuq naha u Stephen Mike Cauchi fuq in-naha l-ohra. Dan necessarjament ifisser illi anke kieku ghall-grazzja tal-argument biss l-intenzjoni tal-esponenti kienet precizament li jinfluwenza x-xhieda ta' huh, dan huwa qajla seta' jaghmlu;

Illi b'zieda ma' dan, l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni fil-kumpilazzjoni – almenu skont dak li nghad fl-ahhar seduta – wasal biex jinghalaq u dan kollu jkompli jikkonferma kif fil-verità ma kien hemm assolutament l-ebda nuqqas li seta' b'xi mod intralcja l-process kriminali, ghajr ghal leggerezzi illi fil-verità ma jwasslux ghal ksur tal-kundizzjonijiet imposti fuq l-esponenti;

Illi hija l-umli fehma tal-esponenti ghalhekk illi fil-verità l-ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet li kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet imposti fuqu;

**3. IT-TIELET AGGRAVJU – PIENA ECCESSIVA**

Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghal dak kollu premess, hija l-umli fehma tal-esponenti illi l-piena inflitta kienet wahda eccessiva ghall-ahhar. Kif digà inghad, u fl-aghar ipotesi, l-esponenti kiser l-ordni ta' rinkazar darba wahda biss u bi ftit minuti biss waqt li huwa kien qieghed quddiem il-bieb ta' daru.

Illi mix-xhieda li nghatat jirrizulta wkoll illi dan il-ksur – kemm-il darba sehh – ma sarx apposta jew bi sfida, izda sar biss stante illi l-esponenti tilef il-kundizzjoni tal-hin wara li xi hadd waqaf ikellmu quddiem il-bieb ta' daru stess;

Illi zgur mhux forsi illi l-ewwel Onorabbli Qorti kellha taghmel distinzjoni bejn kaz u kaz. Mod tikser ordni ta' rinkazar bi hsieb wara li dak li jkun jinstab jiggerra mat-

toroq qisu xejn m'hu xejn. Mod iehor però illi din tinkiser b'rizultat ta' leggerezza ta' ftit minuti waqt li dak li jkun ikun qieghed quddiem il-bieb ta' daru jitkellem ma' haddiehor;

Illi bl-istess mod intwera kif kienet Therese Mercieca li marret tkellem lill-esponenti u mhux bil-kontra. Bl-istess mod, fil-maggoranza assoluta tal-kazi kien Giuseppe Mercieca li mar ikellem lill-esponenti u mhux bil-kontra (hlief ghal okkazjoni wahda);

Illi minn dak premess ghandu jirrizulta, dejjem fl-umli opinjoni tal-esponenti, illi hawn wiehed qed semmai jitkellem dwar infrazzjonijiet minimi li ma hallew assolutament l-ebda konsegwenza. Bhal donnha l-ewwel Onorabbli Qorti wkoll kienet tal-istess fehma tant illi fis-sentenza attakkata jinghad kemm-il darba illi l-ksur ma kienx ta' konsegwenza serja;

Illi minkejja dan però, l-ewwel Onorabbli Qorti ghaddiet biex taghti piena illi fil-verità ma kellha qatt tinghata ghal nuqqas li fi kliemha stess ma kienx ta' konsegwenza serja;

Illi fil-fatt l-Onorabbli Qorti kkundannat lill-esponenti ghal multa ta' elf ewro (€1,000) u ordnat ukoll il-konfiska tad-depozitu ta' tmint elef ewro (€8,000); piena illi tezorbita u bil-bosta r-reat li gie addebitat lill-esponenti;

Illi f'kazijiet analogi – jekk mhux aktar serji – il-Qrati taghna dejjem kienu ferm aktar lenjenti. Hekk perezempju fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Christopher Buttigieg**" (Kaz 60001/2008 – Imh. Edwina Grima – 22.10.2008) l-imputat instab hati u gie kkundannat multa ta' hames mitt ewro (€500) talli naqas milli jiffirma l-Ghassa u talli kellem lil xhud tal-prosekuzzjoni alavolja f'dak il-kaz – a differenza minn dak oderjn – ix-xhud mitkellem kien xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni! Fil-fatt f'dan il-kaz l-imputat kien avvicina u kellem lill-kwerelanti nfisha, u mhux li qarib tieghu u jghix fl-istess triq u li kien digà xehed bhal ma gara fil-kaz odjern;

Illi minn dina l-ottika, jirrizulta aktar u aktar bic-car kif fis-sentenza appellata l-ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tiehu d-debita konsiderazzjoni tal-fatt migjuba quddiemha u ghalhekk ghaddiet biex imponiet piena harxa wisq illi fil-verità ma kellha qatt tigi imposta.

Rat is-sentenza preliminari taghha moghtija nhar l-20 ta' Novembru, 2020 fejn ma akkoljatx l-ewwel eccezzjoni sollevata mid-difiza dwar in-nullita tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar is-17 ta' Lulju 2020.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2020.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fil- 5 ta' Novembru, 2019 l-appellant inghata l-helsien mill-arrest taht numru ta' kundizzjonijiet;

2. Illi fis- 16 ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) il-Qorti Kriminali kienet varjat ftit mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u kienet hasret id-divjet fuq l-imputat li jersaq lejn ix-Xewkija u iddegretat li l-indirizz tieghu ghandu jkun 8, Triq is-Salib, ix-Xewkija;

3. Illi Francienne Cauchi[1] irraportat li l-appellant li kien qieghed jikser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest;

4. Ghalhekk inharget l-imputazzjoni fil-konfront tal-appellant.

L-ewwel (1) aggravju mressaq mill-appellant jirrigwarda n-nullita' tas-sentenza appellata. Din il-Qorti permezz tas-sentenza datata l- 20 ta' Novembru, 2020 ma kienitx akkoljiet din l-ewwel eccezzjoni u ghalhekk ordnat il-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza.

Illi t-tieni (2) aggravju jirrigwarda l-apprezzament hazin tal-provi, liema apprezzament hazin wassal ghal decizjoni illi hija bir-rispett kollu zbaljata. Li n-nuqqasijiet li gew attribwiti lill-appellant jikkonsistu fil-fatt li huwa allegatament kiser ordni ta' rinkazar bi ftit minuti u l-fatt li allegatament kien hemm komunikazzjoni bejnu fuq naha u huh u n-neputija tieghu fuq in-naha l-ohra. Jissottometti li fl-aghar ipotezi u li kieku wiehed kellu joqghod fuq il-kelma tal-familja tal-parte civile li ghandha l-interessi taghha, dan il-hin ta' rinkazar inkiser b'seba' (7) minuti. Li ma tressqet l-ebda prova oggettiva li tikkonferma li l-ordni ta'

[1] Skont il-Current Incident Report immarkat bhala Dok BCS1 taht 'Person filing report' tnizzlu Stephen Mike Cuachi u Francienne Cauchi izda minn dak imnizzel fir-rapport jidher li kienet Francienne Cauchi li rrapportat gewwa l-Ghassa.

rinkazar inkisret. L-appellant ma nstabx barra minn xi puliizja u l-kaz tal-prosekuzzjoni jistrieh fuq recording mehud mill-parte civile meta l-hin tas-sistema li tiehu l-filmat jista' facilment jinbidel. Jissottometti li huwa normali f'tali sistemi li l-hin taghhom ikun ivarja bi ftit minuti, perezempju habba nuqqas ta' sinkronizazzjoni minn zmien ghal zmien. Dan gie allegat fil-kuntest li l-allegazzjoni hija biss ta' ftit minuti wara l-hin.

L-appellant jaghmel sottomissjonijiet dwar il-livell ta' prova lil hin minn kwalunkwe ombra ta' dubju, livell ta' prova li l-appellant jemmen li ma ntlahaqx. Li ghandu d-dubju kemm l-ordni ta' rinkazar inkisret meta huwa kien qed quddiem il-bieb ta' daru stess. Ma nstabx x'imkien imbieghed minn daru jew f'xi kazin. Dwar il-livell ta' prova, din il-Qorti tfakkar li l-livell li jrid jintlahaq irid ikun minghajr dubju dettat mir-raguni u mhux minghajr ombra ta' dubju.

Dwar il-kwistjoni dwar jekk l-appellant kellimx xhieda tal-prosekuzzjoni, l-appellant jissottometti fl-appell tieghu li gie allegat li tkellem ma' huh Giuseppe Mercieca u man-neputija tieghu Therese Mericeca. Li **Therese Mercieca** xehdet kif hi u bintha li ghadha tfal kienu ghaddejin minn Triq tas-Salib, Xewkija u li bintha gibdet lejn l-appellant. Li ma marx ifittex lil Therese Mercieca hu stess. Zgur ma jistax jinghad li kien hemm xi intralc ta' provi jew xi ksur ta' xi ordni, sempliciment matul din l-okkazzjoni ta' darba li damet biss ftit sekondi. Therese Mercieca diga xehdet fil-proceduri kriminali li hemm ghaddejjin u li ghalhekk ma' setax jinfluwenza dak li setghet tghid din ix-xhud. L-istess ragunament japplika ghal Giuseppe Mercieca. Li Giuseppe Mercieca spjega li ta' anzjani li huma hu, l-appellant u terzi jingabru fuq bank biex jghidu kelma senza fini ta' xejn. Li jikkonferma li qatt ma tkellmu dwar il-kaz li kien hemm pendenti l-Qorti. Li fil-maggoranza assoluta tal-kazi kien Giuseppe Mercieca li kien imur fuq il-bank fejn l-appellant u mhux bil-kontra hlief ghal okkazzjoni ta' darba fejn inqalghet emergenza u Giuseppe Mercieca kellu bzonn iwassal lill-appellant hu stess bil-vettura tieghu. Li Giuseppe Mercieca diga tela' jixhed u ma kienx prezenti waqt l-incident li kien hemm bejn l-appellant u Stephen Mike Cauchi. Kieku l-intenzjoni kienet li jinfluwenza x-xhieda ta' huh, dan huwa qajla seta' jaghmlu. Li l-provi tal-prosekuzzjoni fil-kumpilazzjoni skont dak li nghad fl-ahhar seduta wasal biex jinghalaq u dan ikompli jikkonferma kif fil-verita ma kien hemm assolutament l-ebda nuqqas li seta' b'xi mod intralcja l-process kriminali, ghajr

ghal legerezzi li fil-verita' ma jwasslu ghal ksur tal-kundizzjonijiet imposti fuq l-appellant. Ghalhekk skont l-appellant l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet li kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet imposti fuqu.

Din il-Qorti sejra tibda biex in succint taghmel referenza ghal provi prodotti.

Fil-**Current Incident Report** li huwa mmarkat bhala Dok BCS1 u li jinsab a fol 8 et sequitur tnizzel li nhar is-7 ta' Lulju, 2020 irraportat gewwa l-Ghassa ta' Rabat Ghawdex certa Francienne Cauchi li tigi mart Stephen Cauchi, fejn din prezentat pen drive u allegat li Pawlu Mercieca li bhalissa jinsab ghaddej proceduri kriminali fil-Qorti ta' Ghawdex kien qieghed jikser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest. Allegat li fil-pen drive kellha filmati li juru lil Mercieca jikellem ma' huh Joseph Mercieca u man-neputija tieghu Therese Mercieca fost l-ohrajn. Li dawn it-tnejn huma zewg xhieda tal-prosekuzzjoni fil-kawza **Pulizija vs. Paolo Mercieca**. Francienne Cauchi zieded tghid li hemm filmat wkoll li juru lil Paolo Mercieca baqa' barra id-dar tieghu, fil-hinijiet li suppost kien qieghed gewwa u dan ghaliex prezentat filmat li juru lil Mercieca qieghed bilqeghda fuq il-bank quddiem id-dar tieghu.

Fl-istess rapport tnizzel li s-17 ta' Lulju 2020 wara li nhareg mandat mill-Magistrat tal-Ghassa Dr Monica Vella il-Pulizija sejhet fil-Ghassa ta' Rabat Ghawdex lil Paolo Mercieca fejn wara li nghata twissija dwar id-drittijiet legali tieghu u anke ghazel li ma' jkunx assistit minn avukat tal-fiducja tieghu. Paolo Mercieca ghazel li jibqa' sieket u ma' jwegibx ghad-domandi li sarulu.

L-istqarrija tal-imputat **Paolo Mercieca** datata s-17 ta' Lulju, 2020 hija mmarkata bhala Dok BCS2 u tinsab a fol 11 et sequitur fejn l-imputat kif kellu dritt li jaghmel ghazel li ma jwegibx ghal mistoqsijiet maghmulha lilu.

Fost provi ohra, gie prezentat vera kopja ta' digriet datat il- 5 ta' Novembru tas-sena 2019 fejn permezz tieghu Paolo Mercieca inghata l-helsien mill-arrest taht numru ta' kundizzjonijiet. Dan jinsab a fol 20 et sequitur u mmarkat bhala Dok BCS55. Wahda minn dawn il-kundizzjonijiet u cioe' dik li din il-Qorti qieghda tifhem li hija kundizzjoni numru tlieta (3)[2] mhux erbgha (4) kif indikat mill-Ewwel Qorti fis-

[2] In-numru tal-kundizzjoni fil-vera kopja ta' dan id-digriet ma jidhirx car izda din il-Qorti qieghda tifhem li hija kundizzjoni numru tlieta (3).

sentenza appellata hija li '*ma jkellimx jew javviċina, jew jipprova jkellem jew javviċina, la direttament u l-anqas indirettament jew tramite terzi, u anqas bit-telefon jew b'xi mezz ieħor, lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jew lil familjari tagħhom*'

Filwaqt li kundizzjoni numru sebgha (7) taqra:

'*li jirrinkaża mhux aktar tard mill-22:00 u li ma joħroġx qabel is-06:00 tal-għada filgħodu u li fi kwalunkwe każ bl-ebda mod ma jersaq lejn il-lokalita tax-Xewkija pendenti l-proċeduri kontrih*'.

Gie prezentat ukoll vera kopja ta' digriet datat is-16 ta' Gunju, 2020 a fol 18 dwar varjazzjoni ta' kundizzjoni u cioe' sabiex ir-rikorrent jirrisjedi gewwa 8, Triq Tas-Salib, ix-Xewkija. Giet prezentata vera kopja tal-Ordni ta' Protezzjoni mahruga fis- 16 ta'  Gunju, 2020  li tinsab a fol 19.

L-**Ispettur Bernard Charles Spiteri** xehed fis- 17 ta' Lulju, 2020 fejn spjega fil-bidu ta' Lulju l-Pulizija kienet irceviet rapporti minghand Francienne Cauchi li tigi mart Stephen Mike Cauchi fejn din f'dan ir-rapport kienet qalet li allegatament certu Paolo Mercieca li dwaru hemm proceduri ghaddejjin fil-Qorti rigward incident li kien sehh fix-Xewkija f'Ottubru tas-sena li ghaddiet, kien qed jikser uhud mill-kundizzjonijeit tal-helsien mill-arrest, u cioe' dawk li qed jitkellem max-xhieda tal-Prosekuzzjoni fosthom huh certu Joseph Mercieca, u anke wkoll man-neputija tieghu Therese Mercieca.  Fir-rapport taghhom l-istess Francienne Cauchi kienet ukoll allegat li dan Paolo Mercieca qed jibqa' barra r-residenza tieghu wara l-hin, aktar milli stipulat fir-rinkazar li huwa ghandu, cioe' wara l-ghaxra ta' bil-lejl (10:00pm) u li anke wkoll kien qed jaghmel xi mossi fid-direzzjoni tal-familja Cauchi meta dawn johorgu mid-dar. Kienet ghaddietilhom pendrive rigward dawn l-incident li sehhu f'numru ta' granet bejn Gunju u Lulju ta' din is-sena fi Triq is-Salib fix-Xewkija.  Kienu raw din il-pendrive u anke hargu xi stills minnhom fejn f'uhud minn dawn il-filmati Paolo Mercieca darba minnhom jidher qieghed fuq il-bank hu u persuna ohra li gie stabbilit li huwa certu John Spiteri, u dakinhar kien mar hdejh huma l-familja Cauchi qeghdin jghidu huh Joseph Mercieca. Kien hemm okkazjoni ohra fejn dan l-istess Paolo Mercieca jidher bilqeghda fuq il-bank quddiem id-dar tieghu fuq il-bankina li hemm quddiem id-dar tieghu, u li dehret ghaddejja persuna, tfajla, u li kellha maghha tifla zghira qeghda tigri quddiemha, u li dawn skont il-familja Cauchi hija n-

neputija tieghu Therese Mercieca, li din ukoll diga' xehdet fil-proceduri kontra Paolo Mercieca. Din fil-filmat tidher f'hin minnhom waqfet quddiem il-bank u qieghda titkellem jew ma' Paolo jew inkella mal-mara tieghu likienu qeghdin hemmhekk fuq il-bank.

Dwar il-hin xehed li darba minnhom Paolo Mercieca qieghed bilqeghda fuq il-bank kien wara l-ghaxra ta' bil-lejl (10:00pm) biss fuq il-bank li hemm ezatt quddiem il-bieb tal-garage tieghu. L-Ispettur identifika lill-imputat fl-awla. Xehed li qed jesebixxi sett ta' hmistax-il still[3] li ttiehdu mill-filmati tas-sigurta li gew mghoddija lilhom minn Francienne Cauchi. Esebixxa ukoll zewg CDs li jghid li huma kopja tal-pendrive flimkien mal-pendrive originali li tathom Francienne Cauchi.

Mistoqsi jekk Therese Mercieca u Joseph Mercieca humiex xhieda tal-Prosekuzzjoni wiegeb li '*Dawn huma xhieda u diga' xehdu fil-proceduri kontra Paolo Mercieca u anke kontra Stephen Cauchi, peress li dawn iż-żewġ kawżi qed jimxu ma' xulxin.*' Huma diga xehdu. Mistoqsi hemmx lok li jerghu jinstemghu wiegeb '*Issa naraw x'inhu ġej, għax jista' jkun li l-każ li jitla' ġuri hemmhekk imbagħad l-Avukat Generali jiddeċiedi.*' Spjega li l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest kienu gew emendati, ghaliex originarjament ma kienx inghata permess li jmur joqghod fix-Xewkija pero' f'Gunju li ghadda rega' inghata permess li jmur joqghod fir-residenza tieghu. In kontro-ezami ikkonferma li ilu isegwi l-kaz mill-bidu nett. Paolo Mercieca mar lura jghix id-dar tieghu ix-Xewkija minn nofs Gunju l'quddiem ghax id-digriet jekk mhux sejjer zball inghata fis-sittax (16) ta' Gunju ta' din is-sena. Minn dakinhar kien hemm rapporti ohra li saru dwar armi, fejn saret tfittxija fil-proprjeta' ta' Cauchi biss pero' ma sabu l-ebda arma illegali. Kienu ghamlu tfittxija ohra simili f'Ottubru meta kien sehh l-incident, u apparti l-arma li kienet intuzat ma kienux instabu armi ohrajn. Kien hemm rapporti dwar il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest. Ma jafx meta gew installati l-cameras pero jaf dwarhom ghax ghaddewlu kopja tal-filmat taghhom u li kif qalulu huma dawk il-filmati mill-cameras tad-dar taghhom imma ma jafx meta gew installati.

**Francienne Cauchi** fis-seduta tas- 17 ta' Lulju, 2020 xehdet u kkonfermat li fil-bidu ta' dan ix-xahar marret l-Ghassa tar-Rabat Ghawdex biex taghmel rapport u anke halliet pendrive. Tghid li kien qed jaghmel mossi li ma kienux qed joghgbuhom.

---

[3] Jirrizulta izda li gew prezentati tlettax-il ritratt u cioe' still mhux hmistax kif indikat fit-traskrizzjoni.

Darba minnhom fuq il-pendrive ghandhom lil omm Stephen Cauchi u missieru, ghandha kollox fuq il-pendrive, jirkbu gol-karozza, u kull x'hin jisma' l-hsejjes tal-bibien jinfethu l-hin kollu diehel u hiereg minn gol-garage, x'hin jismaghhom hergin. Joqghod ghassa taghhom. Jirkbu gol-karozza u x'hin telqu bil-karozza u kollox, pogga bilqeghda u ghamlilhom mossa qisu '*nħallaskom*!' Dawn l-affarijiet rathom fil-filmati, ghandha fuq il-pendrive u ghaddiethom lil Pulizija. Tghid li lbierah kienu l-Qorti u kienu niezlin ghal karozza, u kien hemm Paolo fin-nizla fit-tarf qabel ma tidhol gol-parking, kien hu u l-mara jistennew, u malli ghaddew qal "*Bzieq*!" u ghajjatha. Komplew sejrin u ma tawx kasu biex ma jaqilghux paroli u baqghu sejrin. Imma kien jidher li qal ghalihom, malli ghaddew, huma biss kien hemm fit-triq ghaddejjin u malli ghaddew minn ma gembu qabad u qal dik il-kelma.

In kontro-ezami mistoqsija x'tigi minn Stephen Cauchi wiegbet il-mara. Ikkonfermat li kien hemm istanza fejn fuq il-camera deher qed jaghmel xi mossa u t-tieni wahda ghax qal 'bzieq'. Dwar il-mossa gie imnizzel li '*Ix-xhud għolliet idejjha 'l fuq minn spallejjha u uriet il-pala tal-id miftuħa.*' Ikkonfermat li l-mossa mhux lilhom ghamilhom Fil-karozza la hi u lanqas Stephen ma kien hemm. Il-cameras taghhom ma jigbdux vuci. Tghid li hemm oht Stephen xhud. Li l-hin kollu mwerwrin ghax il-hin kollu ghassa tal-cameras '*u x'ħin rat lil ommha u lil missierha ħerġin sa anke qabdet il-mobile tagħha li semgħetu jgħid xi ħaġa bin-nervi, u dheret li kienet identifikata, jew kif taqbad tghid, li kien qed jirreferi għalihom, bin-nervi. Jiġifieri kien hemm oħtu fit-tieqa...*' Li x'hin imorru ghandu ommu jibda minflokk jitkellem jibda jkanta jgholli lehnu, jibda jghanni. Li x'hin tkun ghaddejja hi ma tkantalux u lanqas toffendih. Kien qed ikanta, x'hin jaslu huma ghax qabel ma kienx. Sa x'hin ikunu jhabbtu l-bieba ta' ommu. Ikkonfermat li hemm bank quddiem id-dar ta' Mercieca u kkonfermat li Mercieca hafna drabi jkun fuq dan il-bank. Fl-okkazzjoni li beda jkanta kien diga fuq il-bank meta hargu huma. Dwar meta qal 'bzieq' u cioe' lbierah qalet li kienu nezlin in-nizla ta' hawnhekk, qabel ma tidhol ghall-parking, fejn il-parking l-imharbat jigifieri mill-Qorti r-Rabat. Suppost lilhom ma jkellimhomx.

**Francine Cauchi** xehdet fis- 17 ta' Lulju, 2020 li fit-28 ta' Gunju ta' din is-sena fis-sebgha u disgha u ghoxrin minuta (7:29) kien jidher Zeppu inur fejn Pawlu, tkellmu naqra u rega' rritorna lura. Is-sebgha u disgha u ghoxrin minuta (7:29) ta' filghodu. Zeppu jigi hu l-akkuzat Pawlu. Fl- 1 ta' Lulju ta' din is-sena regghu gew in kuntatt

darbtejn. Fit-tlieta u tnejn u erbghin minuta ta' wara nofsinhar (3:42p.m) Zeppu mar fejn Pawlu u damu qisu disa' (9) minuti. Mar fejn Pawlu fuq il-bank, kien bilqghda fuq il-bank. Imbaghad dakinhar stess ukoll filghaxija kienu s-sebgha u disgha u tletin minuta (7.39 p.m) kienet marret Therese fejnu, fejn l-akkuzat Paolo wkoll. Damet ftit minuti u ftit wara gie Zeppu wkoll u qaghdu jitkellmu u wara telqu bil-karozza. Therese hija t-tifla ta' Zeppu u cioe' n-neputija tal-imputat. Fit- 2 ta' Lulju filghodu fit-tmienja ta' filghodu (8:00am) kienet id-dar dak il-hin ghax kienet xoghol filghaxija, u omm u missier ix-xhud kellhom appuntament, kellhom johorgu. Hallew il-karozza barra ghax filghodu kienu marru jwasslu lil nanna taghha u kienu hallew il-karozza barra ghax imbaghad kellhom appuntament, u lejn it-tmienja (8:00) kienu se jitilqu. Kemm il-darba kienu nnutaw li x'hin huma johorgu mid-djar taghhom Paolo kien qed ikun, kien qed ikollu l-bieba tal-garaxx tieghu miftuha u kien qed ikun ghassa taghhom. Malli jisma' lil xi hadd minnhom johrog, kien dejjem qed johrog hu. Infatti dakinhar ghamel l-istess haga, malli sema' lil ommha u missierha hiergin, hu hareg. X'hin hareg qaghad ihares lejhom bl-ikrah, qaghad idejh fuq riglejh hekk, u dam ihares lejhom sakemm huma dahlu gol-karozza u telqu. Imbaghad wara li telqu mar ipoggi fuq il-bank.

X'hin pogga fuq il-bank ghajjat ghajta bl-herra u bil-mibgheda u ghamel din il-mossa b'idu u hares lejhom. Ma fehmitx ezatt x'qal, imma kienet tinstema' li bl-herra, u kienet indirizzata ghal ommha u ghal missierha. X'hin ghamel din il-mossa, it-tmienja u tlett minuti (8:03) u kwazi erbgha (8:04) insomma ghax fifty six (56) seconds imbaghad skond il-hin. Bhala hinijiet hu johrog ezatt fl-istess hin li johorgu ommha u missierha, fit-tmienja u zewg minuti (8:02), l-istess hin li hargu ommha u missierha kien hareg hu. Kien qieghed ghassa taghhom u ezatt malli semghahom hareg dan. Fl- 4 ta' Lulju ta' din is-sena (2020) filghaxija kienu rawh ukoll lil Zeppu jerga' jmur ikellem lil Paolo u filghaxija Paolo infatti kien mar ghandu, ghand Zeppu, ghand huh Zeppu. Kienet rathom jidhlu lura Poalo u marru Zarena jidhlu d-dar '*fid-disgha ta' billejl (9.00 p.m). Imbagħad wara ħareġ lura, ħareġ waħdu paolo u qagħad bilqegħda fuq il-bank lejn xi d-disgħa u nofs (9:30). U dam infatti. Imbagħad kienet giet karozza u qaghad jitkellem ma' din il-persuna gol-karozza u dam sal-għaxra (10:00)... wara l-għaxra u seba' minuti (10:07) imbagħad daħla ġewwa lura d-dar.'*

L-ghada fil-5 ta' Lulju ta' din is-sena (2020) wkoll kien qed jipprova johrog il-karozza Poalo u ma jafx x'kien ezatt imma mid-dehra habbat naqra t-tieqa, u huh Zeppu mar jghinu, u rega' mar lura f'daru u rega mar jghinu biex jimbuttaha. Imbaghad dahlu l-karozza, ghinuh jimbuttaw il-karozza, imbaghad wara naddfu l-hgieg u hekk. Imbaghad wara Paolo hareg il-karozza u mar dawra biha u rritorna lura kienu t-tmienja u tmienja u erbghin minuta (8:48). Imbaghad wara fit-tmienja u tlieta u hamsin minuta ta' filghodu (8.53 a.m) gie Zeppu ghalihom bil-karozza u gol-karozza telghu Paolo, martu Zarena u t-Tuwis Tony Apap telghu mieghu gol-karozza. Marru ma' Zeppu gol-karozza u imbaghad irritornaw qisu wara sittax (16) il-minuta u nizlet Zarena biss, mart Paolo, u huma baqghu sejrin, ma tafx fejn. Semghu li kienu rawhom lejn tal-Fassaj, lil hinn mit-Torri ta' Mgarr ix-Xini. Giet murija stills u kkonfermat li dawn Paolo u Zarena bilqeghda u din Therese b'referenza ghall-ewwel ritratt immarkat 'X'. Fir-ritratt immarkat 'Y' hemm Paolo u Zarena u Therese u bin-neputija Julia. L-istess fir-ritratt immarkat 'Z'. Fir-ritrattt Z1[4] jidher Zeppu bil-karozza, barra hawn it-tifla tieghu Guza, Therese ukoll bit-tifla Julia u hemm Paolo u Zarena bilqeghda fuq il-bank. Fir-ritratt Z2[5] Therese qed tkellem lil Zeppu gol-karozza, Guza sejra fejn il-bank se tkellem lil Poalo u lil Zarena. Fir-ritratt Z3[6] hemm Therese qed tiftah il-bieba tal-karozza ta' wara u se tidhol, li hemm Guza u Paolo u Zarena qeghdin bilqeghda. Wara li dahlu gol-karozza Therese u Guza, Paolo jidher qieghed fejn it-tieqa tal-karozza qieghed ikellimhom minn go fiha. Zarena qieghda bilqeghda fuq il-bank. Dan hu ritratt immarkat 'Z4'[7]. Fir-ritratt Z5[8] jdhru sejrin bil-karozza 'l fuq. Fir-ritratt Z6[9] kien fit-tnejn (2) ta' Lulju ta' din is-sena (2020), meta ra jaghmel dik il-mossa. Dan il-hin kienu x'hin missieru kien ghadu kif fetah il-bieba tal-garaxx, kienu hergin, se johorgu gol-karozza. B'referenza ghar-ritratt immarkat 'Z7'[10] missierha kemm dar halli jiftah il-bieba u ommha kienet diga fethet il-bieba tal-karozza. Ritratt immarkat 'Z8'[11] huwa l-istess hin imma fil-camera differenti. Missierha sejjer halli jiftah il-bieba tal-karozza. B'referenza ghar-ritratt immarkat

[4] Ir-ritratt u cioe' still huwa propjament mmarkat 'Z I'
[5] Ir-ritratt u cioe' still huwa propjament mmarkat 'Z II'
[6] Ir-rtratt u cioe' still huwa proprjament mmarkat 'Z III'
[7] Ir-ritratt u cioe' still huwa propjament mmarkat 'Z IV'
[8] Ir-ritratt u cioe' still huwa propjament mmarkat 'Z V'
[9] Ir-ritratt u cioe' still huwa propjament mmarkat 'Z VI'
[10] Ir-ritratt u cioe' still huwa propjamentmmarkat 'Z VII'
[11] Ir-ritratt u cioe' still huwa propjament mmarkat 'Z VIII'

'Z9'[12] Paolo qieghed miexi sejjer lejn il-karru. Therese kienet b'Julia qed tkellem lil Paolo u lil Zarena jidhrilha fl- 1 ta' Lulju fir-ritratt immarkat bhala 'Z10'[13].

In kontro-ezami qalet li hija oht Stephen Cauchi. Il-cameras installati mal-faccata tad-dar ta' ommha ilhom installati minn Novembru tas-sena 2019 jidhrilha. Ikkonfermat li l-cameras jaghtu fuq il-faccata tal-proprjeta' ta' Paolo Mercieca. Qalet li qeghdin joqghodu attenti, ghax wara li ghamel qeghdin jibzghu. Huma sempliciment attenti, jekk jaraw li ghamel xi haga ha jghiduha. In-notamenti bdew jiehduhom mit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju. Ma jiccekjawiex ta' kuljum izda frekwenti. Tahseb li Paolo jista' jibqa' barra mis-sitta sal-ghaxra. In-noti hadithom hi. Fl-ebda okkazzjoni ma hareg qabel is-sitta ta' filghodu. Ikkonfermat li kien hemm okkazzjoni wahda fejn qabez il-hin tal-ghaxra (10:00) b'seba' (7) minuti u tnejn u ghoxrin (22) sekonda. Kien fuq il-bank ta' ma gemb daru. Ikkonfermat li dakinhar kienet dik l-okkazzjoni fejn gie xi hadd bil-vettura u pparkja quddiemu u qaghad ikellmu. Ma jafux li kien hemm okkazzjoni ohra li qaghad barra wara l-ghaxra jew hareg qabel is-sitta. Esebiet id-dokument li qrat minnu ix-xhud bhala Dokument FC. Ikkonfermat li tahseb li d-dar ta' Paolo qeghda qrib hafna l-bank, kwazi ma genbha. Ikkonfermat li qatt ma rat lil Paoloa jara lil xi hadd hiereg u forsi pprova jaqsam it-triq biex ikellem lil xi hadd mill-familja taghha. Dwar in-nies fuq il-bank, bicca rathom u bicca le. Mhux tad-dati kollha. Fl- 4 ta' Lulju fejn Zeppu jigi fejn Paolo, kienu l-hamsa u kwart ta' wara nofsinhar u tat- 2 ta' Lulju, dak kienet ratu ukoll b'ghajnejha.

L-ohrajn ma rathomx b'ghajnejha, interpretathom mill-camera. Mhux dejjem kien Zeppu li mar fejn Paolo fuq il-bank. Fl-okkazzjonijiet li rat hi b'ghajnejha mhux Poalo mar ihabbat lil Zeppu izda Zeppu mar fejn Paolo. Fl- 4 ta' Lulju rat lil Paolo jmur ghand Zeppu u ratu hiereg minghandu. Ma hijiex fil-lista li hadet f'idejha. Ratu drabi ohra fejn Paolo mar ihabbat lil Zeppu. Ikkonfermat li Paolo, Zeppu , it-tifla ta' Zeppu, din familja jghixu kollha vicin xulxin. Li jekk taqsam it-triq minghand Paolo tispicca quddiem id-dar ta' Zeppu. Jekk timxi erba' passi 'l isfel tispicca quddiem it-tifla ta' Zeppu. Kienet Therese li marret fuq Poalo, jidhrilha li Therese marret bit-tifla, marru flimkien, mhux bintha izda bin-neputija. Jidhrilha li kien xejrilhom Paolo izda huma marru fuqu. Mistoqsija hijiex *in charge* tal-operation tal-camera wiegbet

[12] Ir-ritratt u cioe' still huwa propjament mmarkat 'Z IX'
[13] Ir-ritratt u cioe' still huwa propjament immarkat 'Z X'

'*Iva u le*'. Hemm huha ukoll jiehdu hsieb il-camera li jismu Shaun Cauchi u Stephen izda aktar Shuan Cauchi. Ikkonfermat li l-ksur li rat da parti ta' Pawlu kien fl-okkazzjoni li kiser il-hin tieghu b'seba (7) minuti u tnejn u ghoxrin (22) sekonda u li gie f'kuntatt ma' Zeppu u max-xhieda l-ohra, ma' Zeppu u ma' Therese. Kien hemm zewg okkazzjonijiet li rathom hi b'ghajnejha. Kien hemm drabi ukoll meta Zeppu mar ghalih bil-karozza izda ma ratux b'ghajnejha izda bil-camera.

In ri-ezami giet mitlub tindika fejn hi d-dar ta' Paolo Mercieca u giet mitluba taghmel dawra. Spjegat li minn hawnhekk u tkompli sejra iktar 'l gewwa. Ikkonfermat li fejn hemm il-purtiera l-bajda hija l-proprjeta' ta' Paolo. Ikkonfermat li filghaxija ghal habta tal-hamsa u kwart kien mar huh ikellmu lil dan Poalo. Fuq il-bank kien hemm ukoll it-Tuwis u barra minn hekk kien hemm karozza wkoll, kienu qed jitkellmu ma' xi hadd gol-karozza. It-Tuwis jismu Toni Apap.

**Maria Cauchi** xehdet fis- 17 ta' Lulju, 2020 spejgat li wara li gara dak il-kaz f'Ottubru installaw il-cameras mad-dar taghhom. Kemm ilu li gie hemmhekk iktar u iktar qeghdin jaghtu kashom ta' x'inhu jigri. Raw xi affarijiet li ma ghogbuhiex specjalment wara gimgha li kien ilu hemmhekk ghamel theddida, taraha hi. Hargu mill-karozza hi u r-ragel, kellhom qadja r-Rabat u kien hemm it-tifla d-dar, Francine, ghadha kif xehdet. Qaghad ihares lejhom u kif telghu huma ghajjat wahda bil-herra u ghamlel hekk waqt li ghajjatha, skontha dik theddia. Fit-traskrizzjoni tnizzel li '*Ix-xhud għamlet ġest b'idejha, għolliet idejha 'l fuq bil-pala ta' idejha miftuħa.*' Idejh tax-xellug kienet.

Qalet li xi affartijiet ohra li kien javvicina lix-xhieda tieghu, li semghu li mhux suppost javvicinahom. Dawn huma huh Joseph Mercieca u Therese Mercieca, it-tifla ta' huh. Rawhom kemm il-darba anke hi. Mistoqsija meta rathom wiegbet li fit- 28 ta' Gunju fis-sebgha u disgha u ghoxrin minuta (7.29) Zeppu mar fejn Paolo. Ghandhom il-filmati taghhom kollha dawn li qed issemmi. Ghaddewhom lil Pulizija, Fl- 1 ta' Lulju ghall-erbgha neqsin kwart (3:45) Zeppu mar fejn Paolo u kien hemm Ganni Spiteri ukoll. Fis-sebgha u disgha u tletin minuta (19:39) marret Therese ukoll. Ftit wara mar Zeppu bil-karozza hdejhom, imbaghad telqu. Rathom hi.

Fit- 2 ta' Lulju ta' meta hargu u ghamel dik it-thedidda, tghid li imwerwirn fuqha. Fl-4 ta' Lulju fil-hamsa u kwart (5:15) Zeppu mar fejn Paolo, dan haditlu bicca video

Francine bil-mobile, it-tifla Francine. Dam sa wara l-ghaxra ta' bil-lejl dakinhar barra ukoll. Fil- 5 ta' Lulju hareg bil-karozza Paolo fit-tmienja u sittax-il minuta (8:16), fit-tmienja u ghoxrin (8:20) mar Zeppu hdejh. Zeppu mar ghalihom imbaghad rega bil-karozza fit-tmienja u tlieta u hamsin minuta (8:53) u rikbu mieghu Paolo u Zarena l-mara tieghu u Toni Apap. Irritornaw lura fid-disgha u disa' minuti (9:09). Zarena biss nizlet mill-karozza. Paolo u Toni baqghu ma' Zeppu u baqghu sejrin il-bahar ghax kien hemm ohtha hemmhekk u rathom.

Giet murija r-ritratti minn Dokument BCS7 fejn spjegat li dak hu u l-mara dejjem hemmhekk, dehlin u hergin. Ikkonfermat li hemmhekk id-dar tieghu, mill-garage il hawn id-dar tieghu u tibqa' sejra ghandu qadima ukoll hemmhekk. Ikkonfermat li hemm ikun bilqeghda Poalo u gielu jmur hawn bank iehor kif tikser mal-kantuniera ezatt mad-dar ta' Zeppu, ta' huh. Dak huwa dokument 'Z2'[14]. B'referenza ghar-ritratt 'Z4'[15] u 'Z5'[16] qam minn fuq il-bank u mar ikellem lil huh fil-karozza. Ritratt 'Z6'[17] u 'Z7'[18] meta hargu bil-karozza kellhom qadja r-Rabat fit- 2 ta' Lulju. Hi rikbet fil-karozza u r-ragel. Hi kienet qed issuq u r-ragel kien rikeb fil-karozza. Hu kien fuq dak il-bank u huma baqghu sejrin 'l hawn u ghamel dik il-mossa, ghajjat dik l-ghajta bil-herra. Hi ma semghetx l-ghajta ghax kienet fil-karozza. It-tifla qaltlu x'hin marru lura d-dar. Il-mossa ratha fuq il-camera mhux b'ghajnejha. It-tifla rat kollox. Hija gharfet lil Paolo Mercieca fl-awla bhala l-imputat.

In kontro-ezami qalet li tigi omm Stephen Cauchi. Ikkonfermat li bhalissa hi u l-familja taghha qed joqghodu ghassa lil Paolo ta' x'qed jaghmel ghax huma imwerwrin. Ghax ihossuhom mhedda. Qatt ma jimbxuh. Issugeriet lilha li Zeppu kien imur fejn Paolo, wiegbet li gieli rat b'ghajnejha li mar fejnu wkoll. Bil-karozza marru nofstanhar il-bahar. Paolo mar fuq Zeppu darba minnhom u darba ohra kien ghaddej bil-karozza. Darba ohra Zeppu ghadda bil-karozza u Paolo kellmu u darba ohra mar bil-karozza mieghu u regghu lura, harget il-mara tieghu biss, u hu u l-iehor, sehibhom baqghu sejrin il-bahar, ghamlu nofstanahar. Ikkonfermat li kien hemm okazzjoni wahda fejn Paolo qabez il-hin tal-ghaxra ta' filghaxija u li qabizhom b'seba' minuti. Ikkonfermat li kien quddiem daru l' barra mill-bieb tieghu, Fuq il-

---

14 Ir-ritratt u cioe' still huwa propjament immarkat 'Z II'
15 Ir-ritratt u cioe' still huwa propjament immarkat 'Z IV'
16 Ir-ritratt u cioe' still huwa propjament immarkat 'Z V'
17 Ir-ritratt u cioe' still huwa propjament imamrkat 'Z VI'
18 Ir-ritratt u cioe' still huwa propjament immarkat 'Z VII'

bank li hemm vicin u kien hemm xi hadd qed ikellmu bil-karozza jew minn gol-karozza. Tahseb li Paolo dahal x'hin telqet il-karozza. Il-mossa ma rathiex minn ghajnejha izda minn fuq il-camera. Ma semghatu jghid xejn lil Paolo, it-tifla semghet.

**Ganni Spiteri** xehed fis- 17 ta' Lulju, 2020 fejn spjega li Paolo Mercieca iz-ziju tieghu u jaf fejn joqghod. Mistoqsija jekk kien hemm xi okkazjonijiet f'dawn l-ahhar gimghat li mar fejn joqghod hu wiegeb li iva mar. Kien ghaddej minn hemm, u kien ilu ma jarah fuq erba' xhur u ghadda farka, kien baxx fuq il-bank u ghadda farka fejnu. Qaghad bilqeghda fejnu. Jahseb li gie z-ziju l-iehor Zeppu hdejhom u ghadu jitkellmu. Forsi ghamlu kwarta ghax hu kull fejn sejjer mahrub, hsiebu biex jahdem biss. Saqsieh "*kif int?*", ma tkellmu xejn, ma qal xejn ghax ma jaf b'xejn. Qal li '*Wieħed ġie u mar. Zewġ minuti għamel hemmhekk.*' Dan hu z-ziju l-iehor Guzepp Mercieca, gie u telaq. Gie muri ritratt u qal li jahseb li hu l-bank.

In kontro-ezami ikkonferma li l-bank li gie muri fuq ir-ritratti qieghed ma gemb id-dar ta' Poalo u kkonferma li l-hargu ta' Paolo sa fuq il-bank. F'dik l-okkazzjoni Paolo ma baghatx ghal Zeppu. Ix-xhud waqaf kumbinazzjoni u Zeppu '*jien għajjatlu u għidtlu "Żepp!" għax kien ilna ma niltaqgħu aħna. U Żeppu ma damx tlett (3) minuti, lanqas qagħad baxx hemmhekk, telaq, biex tkun taf. Aħna ma tħaddidna xejn fuq dawn l-affarijiet taf.*' Halef li meta kienu hu u Paolo u wara gie Zeppu ma tkellmux fuq kawzi, li Zeppu gie ghax ghajjatlu hu u cioe' ix-xhud.

**Guzepp Mercieca** fis-seduta tas- 17 ta' Lulju, 2020 xehed li Poalo Mercieca huh. Mistoqsi jekk f'dawn l-ahhar gimghat jew granet iltaqghax ma' huh Paolo Mercieca wiegeb li '*Ġieli rajtu għaddej u ngħidlu "Pawl kif int?" u hekk. Iltqajna. Pero' ma tkellimna xejn iżjed, "Kif inti Pawl?" u ġieli kienu jiltaqgħu grupp fuq bank, il-bank jien noħroġ minn hawn u huma qegħdin hemmhekk, u mmur fejn dan il-grupp, eħe, ikunu qed jgħidu xi ħaġa u forsi ngħidlu "Pawl kif int?" u daqshekk.*' Il-bank qieghed fi Triq tas-Salib, Holy Cross u imbieghed mid-dar tax-xhud tul hawnhekk erba' darbiet qisu u mid-dar ta' Paolo ix-xhud indika t-tul tal-awla ghal erba' darbiet. Mid-dar ta' Paolo Mercieca b'xibrejn tkejjel. Gie muri ritratt u kkonferma li qed jara l-bank u ra d-dar ta' Poalo, il-bieb tal-garaxx huwa ta' Paolo. Dan b'referenza ghal ritratt immarkat 'X'. Gieli mar fuq dan il-bank u kien hemm Paolo, u jkun hemm partita nies. Il-bicca l-kbira lil Paolo lanqas ikellmu ghax ikunu qed jirragunaw u imur fejn il-bank, joqghod ftit hekk u jerga' lura.

Bil-vettura ma tantx mar 'l hemm, insomma jghaddi ghax joqghod hemmhekk u jrid jaqsam 'l hawn u jrid jaqsam 'l hemm. Meta jkun hemm huh ma tantx joqghod fejnu ghax dejjem ikun ghajjien u dejjem icekcek u allura ma jkollux dak ic-cans kollu li jmur fejn dak il-grupp. Mistoqsi jekk fir-residenza taghhom iltaqghu xi darba wiegeb li '*Forsi ġieli jkun għaddej u ngħidlu "isma' ejja idħol farka hawn."*' Il-bahar ma jidhirlux li marru flimkien. Dawra bil-karozza jahseb li marru xi darba. Xehed li '*Jien kont xhud tiegħu, sewwa? Wara x-xhieda li għamilt f'Ottubru jew Novembru, ma nafx meta kienet, xi ħadd qalli li issa tista' tkellmu lil Paolo, pulizija u xi avukat qalli li jien nista' nkellem lil ħija.*'

In kontro-ezami mistoqsi fuq xiex tkellmu f'dawn l-okkazzjonijiet li kellu kuntatt ma' Paolo wiegeb li '*kif int?*' dak hu d-diskors li jitkellmu bejniethom, xejn izjed. Huwa inkwetat fuq is-sahha ta' Paolo. Mistoqsi jekk fuq il-kawza xi darba kellmu Paolo wiegeb '*fuq il-kawża ġieli tkellimna ftit, u jien immur ngħidlu "Pawl" dejjem "Kif int?" jew "Fejn sejjer?" u daqshekk. U hu qatt ma ġie qalli "Isma' Zepp, ejja ħa mmorru sa hemmhekk" jew "Ejja ħa mmorru..." xejn qatt. Jien dejjem mort għax hu dejjem ikun jew fejn in-neis, jew x'jismu. U qatt ma kellimni hu. Jien dejjem mort "Kif inti Pawl" u daqshekk.*'

**Therese Mercieca** xehdet ukoll fis- 17 ta' Lulju, 2020 li Paul Mercieca z-ziju taghha. Hi toqghod 15, Triq tas-Salib, Xewkija. Ma tafx tghid kemm hemm boghod mid-dar tgahhom ghal dik tal-imputat izda fl-istess triq, faccata. Spjegat kif it-tfal ta' ohta li ghandha sena u tmien xhur x'hin tara n-nies fuq il-bank vicin id-dar taż-ziju, l'hemm u l'hawn se tmur. Hi tasal hemmhekk biex tmur tigbor it-tifla u gieli jkun hemm iz-ziju hemm barra. Il-kommunikazzjoni maz-ziju kienet '*Kif int?*' u '*All right?*' daqshekk. B'referenza ghall-ewwel erba' sett tar-rtratti tad-Dokument BCS7 qed tara lit-tifla. Jekk tara l-'Y' it-tifla qieghda tigri u jista' jkun li hi jew ohtha. Dan hu l-post li qed tirreferi ghalih qabel, hi ghandha 34 sena u wara x-xoghol johorgu hemmhekk kulhadd barra . Sa sena u nofs, sentejn ilu kienu jkunu klikka naqra mhux hazin, il-familja taghha fosthom, kien ikun hemm hut u l-ommijiet ta' Stephen ukoll, kienu jiltaqghu. Li gara bidlilha hajitha u mhux se toqghod issemmi l-affarijiet ma haddiehor jew mieghu, qed tiprova tinsa. Hi ma ssemmix dak li gara, izjed u izjed mal-persuni diretti.

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' digriet datat il- 5 ta' Novembru, 2019 Paolo Mercieca inghata l-helsien mill-arrest taht numru ta' kundizzjonijiet fosthom:

*'li ma jkellimx jew javviċina, jew jipprova jkellem jew javviċina, la direttament u l-anqas indirettament jew tramite terzi, u anqas bit-telefon jew b'xi mezz ieħor, lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jew lil familjari tagħhom;'*

kif ukoll li

*'jirinkaża mhux aktar tard mill-22:00 u li ma joħroġx qabel is-06:00 tal-għada filgħdu u li fi kwalunkwe każ bl-ebda mod ma jersaq lejn il-lokalita tax-Xewkija pendenti l-proċeduri kontrih;'*

Sussegwentement il-Qorti Kriminali permezz tad-digriet datat is- 16 ta' Gunju 2020 kienet varjat dak id-digriet ghal helsien mill-arrest u hassret id-divjet fuq l-imputat li jersaq lejn ix-Xewkija u iddegretat li l-indirizz ghandu jkun 8, Triq is-Salib, ix-Xewkija u dan suggett ghal ordni ta' protezzjoni temporanja. F'din l-ordni ta' protezzjoni kien hemm numru ta' kundizzjonijiet fosthom li kien projbit milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti la direttament u lanqas indirettament jew tramite terzi, u anqas bit-telefon jew b'xi mezz iehor, lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jew lil familjari taghhom, kien projbit milli jkollu access gewwa l-fond fejn jirrisjedu, jahdmu jew jiffrekwentaw ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jew familjari taghhom u anke kien projbit milli jikkuntatja jew jimmolesta lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jew lil familjari taghhom. Huwa izda ma giex akkuzat bi ksur ta' Ordni ta' Protezzjoni izda b'nuqqas ta' tharis ta' kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest.

Jirrizulta l-appellant kien tkellem kemm ma Joseph Mercieca fl-atti xi drabi indikat bhala Ġużepp Mercieca, Giuseppe Mercieca jew 'Żeppu' u anke ma' Therese Mercieca. L-Ispettur Bernard Charles Spiteri fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2020 meta mistoqsi jekk dawn humiex xhieda tal-Prosekuzzjoni wiegeb li '*Dawn huma xhieda u diġa' xehdu fil-proċeduri kontra Paolo Mercieca u anke kontra Stephen Cauchi, peress li f'dawn iż-żewġ kawżi qed jimxu ma' xulxin.*' Il-Qorti fis-sentenza appellata qieset li rrizulta li Giuseppe Mercieca gia xehed fil-proceduri kontra l-imputat izda qieset li ma rrizultax jekk ix-xhud Therese Mercieca gia xehdet jew le fl-imsemmija proceduri. Ghalhekk kuntrarjament ghal dak li qieset l-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward, filfatt jirrizulta li kemm Gużepp Mercieca u anke Therese Mercieca gia xehdu fil-

proceduri kontra l-imputat. Nonostante dan, gialadarba l-appellant kien marbut bil-kundizzjoni li ma jkellimx lil dawn ix-xhieda, anke fil-kazi fejn ma kienx hu li avvicinahom, izda fejn huma avvicinaw lilu, huwa kien projbit milli jkellimhom u ghalhekk nonostante l-fatt li dawn kienu gia xehdu, ma jfissirx li setgha jkellimhom u ghalhekk kellu jwarrab hekk kif jigi avvicinat minn dawn il-persuni.

Wiehed irid ifakkar li d-difiza jibqala d-dritt li ttella dawn ix-xhieda in kontro-ezami, li dawn ix-xhieda jistghu anke jergghu jittellghu jixhdu mill-Prosekuzzjoni jekk jidhrilha li ghandha taghmel hekk u jistghu anke jerghu jixhdu jekk il-kawza kontra l-imputat tispicca quddiem guri. Ghalhekk il-fatt li dawn ix-xhieda jkunu gia xehdu ma jfissirx li l-imputat jista' jkellimhom.

Ġużepp Mercieca meta fix-xhieda tieghu tas- 17 ta' Lulju 2020 gie mistoqsi '*U fuq il-kawża xi darba kellmek Paolo? U ftakar li qiegħed b'ġurament.*' wiegeb '*Tajjeb. Fuq il-kawża ġieli tkellimna ftit, u jien immur ngħidlu "Pawl" dejjem "Kif int?" jew "Fejn sejjer?" u daqshekk. U hu qatt ma ġie qalli "Isma' Żepp, ejja ħa mmorru sa hemmhekk" jew "Ejja ħa mmorru..." xejn qatt. Jien dejjem mort għax hu dejjem ikun jew fejn in-nies, jew x'jismu. U qatt ma kellimni hu. Jien dejjem mort "Kif inti Pawl?" u daqshekk.*' Dan ix-xhud izda ma giex mistoqsi xi tkellmu dwar il-kawza. Ganni Spiteri fl-istess seduta meta mistoqsi jekk Paolo ma kienx hu li baghat ghal Zeppu wiegeb '*U x'bagħat għal Żeppu! dan jien waqaft kumbinazzjoni, u Żeppu jien għajjatlu u għidtlu "Żepp!" għax kien ilna ma niltaqghu aħna. U Żeppu ma damx tlett (3) minuti, lanqas qagħad baxx hemmhekk, telaq, biex tkun taf. Aħna ma tħaddidna xejn fuq dawn l-affarijiet taf.*' Therese Mercieca fl-istess seduta tghid li '*minn dak li ġara ħajti nbidlet totalment. Nipprova ma naħsibx f li ġara iżjed. Jiġifieri tista' timmaġina jekk jien hux se noqgħod insemmi l-affarijiet ma' ħaddieħor jew miegħu jew whatever*'

Din il-Qorti ghalkemm tqis li ma jirrizultax li kien hemm xi intralc tal-provi, tqis izda li gialadarba l-appellant kien projbit milli jitkellem ma' xhieda tal-prosekuzzjoni jew familjari taghhom huwa ma kellu qatt jkellimhom. Mix-xhieda ta' Francine Cauchi irrizulta li kien hemm xi drabi fejn kien l-appellant stess li mar javvicina lil 'Żeppu' u li mar ghand Żeppu u ratu hiereg minghandu, li ratu hi izda ma hemmx fil-video. Maria Cauchi ukoll xehdet li gieli kien hemm okkazzjonijiet fejn l-imputat kien imur fejn Zeppu u li darba minnhom Zeppu kiien ghadda iil-karozza u Paolo rikeb mieghu.

L-appellant fl-appell tieghu jissottometti li fil-maggoranza assoluta tal-kazi kien Giuseppe Mercieca li kien imur fuq il-bank fejn l-appellant u mhux bil-kontra hlief ghal okkazzjoni ta' darba fejn inqalghet emergenza u Giuseppe Mercieca kellu bzonn iwassal lill-appellant hu stess bil-vettura tieghu.  Mill-atti izda ma rrizultax x'kienet din l-emergenza.

Din il-Qorti ghalhekk tqis li dan jammonta ghal nuqqas ta' tharis ta' kundizzjoni ta' helsien mill-arrest stante li l-appellant ma kellu qatt ikellem lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jew familjari taghhom u anzi jekk kien jigi avvicinat minn wiehed minn dawn ix-xhieda kellu jwarrab u jirraporta u mhux jkellimhom u f'xi drabi ikun hu li javvincina lilhom hu.

Ikkunsidrat ulterjorament;

In kwantu l-allegazzjoni li l-appellant skorra l-hin tal-ghaxra ta' filghaxija (10:00pm) li fih kellu jirrinkaza ruhu, l-appellant issottometta li ma tressqet l-ebda prova sabiex jigi stabbilit li l-appellant kiser il-hin tar-rinkazar. Fl-aghar ipotezi li kieku kellu wiehed joqghod fuq il-kelma tal-familja tal-parte civile li ghandha l-interessi taghha, dan il-hin ta' rinkazar inkiser b'seba' (7) minuti. Jissottometti ma nstabx barra mill-pulizija u l-kaz tal-prosekuzzjoni jistrieh fuq recording mehud mill-parte civile meta l-hin tas-sistema li tiehu l-filmat jista' facilment jinbidel. Jghid li normali li f'tali sistemi l-hin taghhom ikun ivarja bi ftit minuti perezempju minhabba nuqqas ta' sinkronizazzjoni minn zmien ghal zmien.  L-appellant iressaq ukoll l-argument li hemm dubji dwar jekk ordni ta' rinkazar inkisret meta huwa kien qieghed quddiem il-bieb ta' daru stess.

Dwar dan l-ahhar argument, din il-Qorti tqis li hin ta' rinkazar ifisser li imputat ghandu jkun gewwa daru u mhux barra daru u ghalhekk anke jekk il-fatt li kien barra l-bieb tad-dar tieghu jew fil-vicin jaf tkun ta' konsegwenza minima, xorta jibqa' l-fatt li wiehed ikun kiser dik il-kundizzjoni anke jekk jinsab barra l-bieb ta' daru stess. Din il-Qorti izda trid tqis jekk tressqitx prova sufficenti li tikkonferma li filfatt l-appellant ma kienx jinsab f'daru fil-hin li kellu jkun rinkazat. Il-Prosekuzzjoni ressqet numru ta' xhieda, din il-Qorti fehmet li in kwantu l-allegazzjoni tal-ksur tar-rinkazar dawn ix-xhieda strahu fuq dak li raw fuq filmati ta' CCTV, fejn Francine Cauchi xehdet li fl-4 ta' Lulju, 2020 li '*kont rajthom jidħlu lura Paolo u martu Żarena*

*jidħlu lura d-dar fid-disgha ta' billejl (9:00 p.m.). Imbagħad wara ħareġ lura, ħareġ waħdu Paolo u qagħad bilqegħda fuq il-bank lejn xi d-disgħa u nofs (9:30). U dam imfatti. Imbagħad kienet ġiet karozza u qagħad jitkellem ma' din il-persuna ġol-karozza u dam sal-għaxra (10:00)... wara l-għaxra u seba' minuti (10:07) imbagħad daħla ġewwa lura d-dar.'* Li din kienet okkazjoni ta' darba fejn inqabez il-hin tal-ghaxra (10:00) b'seba' minuti u tnejn u ghoxrin (22) sekonda. Ix-xhud prezentat dokument bhala Dok FC a fol 59 u cioe' karta b'notamenti fejn dwar l- 4 ta' Lulju, 2020 tnizzel fost affarijiet ohra: '*Stayed late outside - ingabar on cam 22:07:22. due to 4-5 min difference it was actually around 10:11pm or 10:12pm*'.

Maria Cauchi fix-xhieda taghha mistoqsija in kontro-ezami jekk kien hemm okkazjoni wahda fejn Paolo qabez il-hin tal-ghaxra ta' filghaxija (10:00pm) skont dak li rrizultalhom minn dawn il-hafna recordings li ghandhom u minn din il-hafna ghassa, wiegbet li hekk hu. Mistoqsija jekk qabizhomx biss b'seba' (7) minuti u tnejn u ghoxrin (22) sekonda wiegbet li l-fatt hu li qabizhom. Ghalhekk jirrizulta li dak allegat minn dawn ix-xhieda huwa skond dak li huma interpretaw mis-sistema tac-CCTV.

Din il-Qorti tqis li meta si tratta ta' allegat ksur ta' kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest inkluz ksur tal-kundizzjoni tar-rinkazar, jehtieg li jitressqu provi oggettivi. Din il-Qorti qieset ukoll li mill-filmati esebiti ma hemmx indikat *time and date stamp.* Madankollu jirrizulta li fis-sistema tas-*Smart Player* hemm bhal *grid* fejn hemm indikat hin ghaddej u filfatt gewwa filmat partikolari tirrizulta persuna diehel lura f'residenza jew garaxx u l-bieb jinghalaq fil-hin ta' '22:7:22'. Biss pero' meta si tratta ta' ftit minuti, l-ahjar prova kienet tkun li jitqabbad espert sabiex jezamina l-footages u s-sistema tas-CCTV sabiex jigi accertat li l-hin indikat huwa filfatt il-hin li fih sehh dak li jidher fil-filmati. Filfatt fid-dokument esebit minn Francine Cauchi a fol 59 u mmarkata bhala Dok FC tnizzel dwar l- 4 ta' Lulju, 2020 fost affarijiet ohra '*Stayed late outside - inġabar on cam 22:07:22. due to 4-5 min difference it was actually around 10:11pm or 10:12pm*' Ghalhekk aktar u aktar kien mehtieg li l-hin jigi stabbilit bi precizjoni. Ghalhekk din il-Qorti tqis b'dan in-nuqqas, il-Prosekuzzjoni ma rnexxielieх tipprova fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni li effettivament l-appellant kien kiser il-kundizzjoni rigwardanti l-hin li fih kellu jirrinkaza lura d-dar.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-Qorti setghet legalment u ragonevolment issib li kien hemm ksur ta' wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u cioe' **li ma jkellimx jew javvicina, la direttament u lanqas indirettament jew tramite terzi**, u anqas bit-telefon jew b'xi mezz iehor **lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jew lil familjari taghhom**. Ma jirrizultax jekk kienx hemm kuntatt telefoniku, izda jirrizulta li l-appellant kellem lil Guzepp Mercieca u lil Therese Mercieca. Gialadarba jirrizulta li Therese Mercieca u Guzepp Mercieca kienu tkellmu mal-appellant, liema persuna skont dak li xehed l-Ispettur Spiteri kienu xehdu fil-proceduri kontra l-imputat ifisser li din il-kundizzjoni tal-helsien mill-arrest giet miksura. Izda din il-Qorti tqis li dan il-ksur ma kienx ta' kundizzjoni serja, specjalment tenut kont tal-fatt li dawn ix-xhieda kienu gia xehdu u li ma jirrizultax li ntqal xi haga ta' detriment ghal kawza. Din il-Qorti tqis izda li ma giex ampjament ippruvat li l-appellant kiser il-hin ta' rinkazar.

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet aggravju jirrigwarda l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti li skont l-appellant hija eccessiva. Li kienet Therese Mercieca li marret tkellem lill-appellant u mhux bil-kontra. Li bl-istess mod, fil-maggoranza assoluta tal-kazi kien Giuseppe Mercieca li mar ikellem lill-appellant u mhux bil-kontra hlief ghal okkazzjoni wahda. Li kienu infrazzjonijiet minimi li ma hallew assolutament l-ebda konsegwenza. Huwa ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Graziella Muscat) vs Christopher Buttigieg'**[19] fejn fost kunsiderazzjonijiet ohra qieset:

'*Illi dwar il-piena l-Qorti madanakollu sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ma irrejalizzax il-gravita ta' dak illi ghamel u jidher illi iddispjacieh ghall-akkadut u ma irrizultax illi b'xi mod kien hemm xi intralc fil-provi jew fil-procedura gudizzjarja u ghalhekk il-Qorti ma hijiex ser tghaddi sabiex tirrevoka il-kundizjonijiet tal-helsien mill- arrest imposti fuq l-imputat izda twissi lill-imputat illi dawn il-kundizzjonijiet ghandhom jigu osservati skrupolozament.*

*Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 579(2) tal- Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal- akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall- multa ta' hames mitt euro (€500).*'

[19] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) (Numru: 600001/2008)

Tajjeb li jinghad li dik is-sentenza inghatat fit-22 ta' Ottubru 2008 u sussegwentement saru numru ta' emendi fuq l-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta illum jaqra:

'*(1) Jekk l-imputat jew akkużat jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmiia fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, jew jinħeba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja il-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xi persuna oħra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jiġi maħruġ mandat ta' arrest kontra tiegħu:*

***Iżda din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet libih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja**.*

*(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta'erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija **għandu** jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.*

*(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest, u l-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna. Il-proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza.*

*(4) Il-Pulizija tista' tidħol f'kull fond sabiex tiżgura li l-kondizzjonijiet imposti mill-qorti kif ingħad fis-subartikolu (1) ikunu qegħdin jiġu mħarsa. Il-Pulizija tista' wkoll tarresta mingħajr mandat kull persuna suspettata b'reat taħt is-subartikolu (2).*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Il-Qorti fis-sentenza appellata wara li rat l-**artikolu 579(1) u 579(2)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannat lill-imputat ghal multa ta' elf ewo (€1,000) u ordnat il-konfiska tad-depozitu ta' tmint'elef ewro (€8,000) favur il-Gvern izda mhux il-konfiska tal-garanzija personali u ma ordnatx l-arrest mill-gdid tal-imputat u dan bil-kundizzjoni li jmur jirrisjedi fl-indirizz li kien jirrisjedi fih qabel sehhew dawn il-fatti u cioe' fil-fond 'Trieste Flats', flat 1, Block 2D, Triq il-Qbajjar, Marsalforn. Sussegwentement fuq talba tal-imputat fl-istess seduta wara li giet pronunzjata s-sentenza, il-Qorti varjat parti minn din is-sentenza u ordnat li l-imputat jmur jirrisjedi fil-fond 'Sydney', Triq Sant Indrija, Xewkija, Ghawdex. Il-bqija zammet ferm id-digrieti tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest u l-ordni ta' protezzjoni mahruga mill-Qorti fil-konfront tal-imputat.

Din il-Qorti tqis li meta tinstab htija taht l-**artikolu 579(1) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ghandha diskrezzjoni dwar jekk tordnax li s-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddix favur il-Gvern ta' Malta tant li din id-dispozizzjoni ma ghandhiex tapplika meta l-Qorti tkun tal-fehma li l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jinghata l-helsien mill-arrest ma hux ta' konsegwenza serja.

Izda f'kaz li l-Qorti ssib htija taht l-**artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti apparti l-piena ta' multa jew ta' prigunerija ghal zmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew ghal multa u prigunerija flimkien, ma ghandhiex diskrezzjoni u ghalhekk hija kostretta li tordna li l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta, tant li l-legislatur permezz tal-emendi li saru bl-Att VIII tal-2015 fis-subartikolu (2) tal-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta uza l-kelma '*għandu jiġi*'.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Kurt Zahra) vs Etienne Bartolo, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 350780M'</u>**[20] gie kkunsidrat li:

'*Finalment fir-rigward tal-akkuzi adebitati lill-imputat il-Qorti ma tistax ma tosservax li galadarba l-prosekuzzjoni taghzel li takkuza lill-imputat bir-reat ravvizat bl-artikoli 579(2) u (3) tal-Kodici Kriminali, kif emendati bl-Att VIII tal-2015, b'differenza ghall-procedura stabbilita ai termini tal-artikolu 579(1) tal-Kodici, din il-Qorti ma jkun jifdalla ebda diskrezzjoni bhal dik prevista bil- proviso ghall-artikolu 579(1) tal-Kodici Kriminali, fejn*

[20] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-6 ta' Marzu 2018.

*meta jitqies li l-ksur ta' xi kundizzjoni imposta fid-digriet li bih persuna jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja, il-Qorti ghandha diskrezzjoni lii ma taghmilx ordni sabiex is-somma msemmija fl- obbligazzjoni tal-garanzija tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta. Tenut kont li meta persuna tigi akkuzata bir-reat ravvizat bl-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill- arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta tassativament, jibqa' obbligu inkombenti fuq il-prosekuzzjoni li tgharaf tiddistingwi kaz minn iehor.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Biondy Clayd RAAFENBERG'</u>**[21] gie meqjus li:

*'Fil-każ ta' sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tal-Maġistrati ma għandhiex diskrezzjoni jekk tordnax li l- ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandux jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta jew le. Il-Liġi hija tassattiva u bla kantunieri. Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill- kondizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l- ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja :*

*(a) il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien;* ***<u>u</u>***

*(b) l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta;* ***<u>u</u>***

*(c) minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'dan ir-reat għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest;* ***<u>u</u>***

*(d) il-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal- ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna;* ***<u>u</u>***

*(e) il-proċedimenti għal dan ir-reat ta' ksur tal-kondizzjonijiet tal- ħelsien mill-arrest jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza;* ***<u>u</u>***

*(f) Il-Pulizija tista tidħol f'kull fond biex tiżgura li l-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti jkunu qegħdin jiġu mħarsa;* ***<u>u</u>***

*(g) Il-Pulizija tista' wkoll tarresta mingħajr mandat kull persuna suspettata ta' reat ta' ksur*

[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Dicembru 2019 (Appell numru 451 tal-2018)

*ta' kundizzjonijiet tal-ħelsien mill- arrest.*

*11.F'dan l-isfond kollu għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx fis- sentenza tagħha ma tordnax il-konfiska tad-depożitu u tal- garanzija. L-appell tal-Avukat Generali jimmerita li jiġi milqugħ.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Joseph Xerri) -vs- Mohamed Abdulmajeb Abungab, tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru 0118037A'**[22] gie meqjus li:

*'Finalment il-Qorti ma tistghax ma tissottolinejax li galadarba il-konfiska tal- garanzija, ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, hija konsegwenza tassattiva rrispettivament minn natura tal-ksur tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest, meta l-ksur ikun de minimis, il-konfiska tal-ammont shih tal- garanzija jista' jwassal ghal konsegwenzi sproporzjonati.*

*Dan jiskontra bis-shih ma dak deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal- Bniedem fl-ismijiet **Gatt vs Malta**[23] fejn f'dak il-kaz Gatt kien kiser il-kundizzjoni ta' curfew f'okkażjoni waħda u bl-applikazzjoni tal-artikolu 579(1) tal-Kodici Kriminali – fejn ghandu jigi emfasizzat li, kuntrarjament ghall-artikolu 579(2), jaghti diskrezzjoni lill-Qorti tikkonfiskax il-multa w tordnax ir-riarrest – biex b'hekk ġie kundannat iħallas il-garanzija totali ta' €23,300 li, wara li ma thallsitx ġiet konvertita f'detenzjoni skond l-artikolu 586 tal-Kap. 9:*

*The Court observes that Maltese law, in respect of the circumstances in which a bail bond will be forfeited to the Government as a result of a failure to observe bail conditions (Article 579 of the CC), makes no distinction between conditions related to the primary purpose of bail, namely appearance at the trial, and conditions related to other considerations. However, it gave the authorities discretion not to apply the said provision if the breach of conditions was not of a serious nature. In the present case, where the condition breached referred to a curfew and was not connected to the primary purpose of granting bail, the Court has difficulty in understanding the authorities' decision to apply the relevant Article.*

*Multo magis meta kif intqal, bl-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, il- konsegwenzi ta'*

[22] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-6 ta' Awissu, 2020
[23] Decizjoni moghtija nhar is-27 ta' Lulju 2010 u li saret res judicata fis-27 ta' Ottubru, 2010. (Din ir-referenza tinsab enumerata numru (4) fin-noti ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata.)

*sejbien ta' htija taht dan l-artikolu huma tassattivi.*

*Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar l-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, tordna notifika ta' din is-sentenza lil Onorevoli Ministru Ghall- Gustizzja, l-Ugwaljanza w l-Governanza, kif ukoll lil Avukat Generali.'*

Fil-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni indikat l-**artikolu 579(1) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta fl-akkuza u ghamlet anke talba skont l**-artikoli 579(2) u (3) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti fil-parti disposittiva indikat kemm l-artikolu 579(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u anke l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif ikkunsidrat, hemm differenza krucjali bejn dawn iz-zewg subartikoli u cioe' filwaqt li taht l-ewwel subinciz il-Qorti jkollha diskrezzjoni dwar jekk tordnax li s-somma imsemmija fl-obbligazzjoni tghaddix favur il-Gvern ta' Malta u dan meta l-ksur ma jkunx ta' konsegwenza serja. Mill-banda l-ohra, taht l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti apparti l-piena ta' multa jew ta' prigunerija ghal zmien ta' erba' (4) xhur sa sentejn (2) jew it-tnejn flimkien, kienet obbligata li tordna li l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta. Kif kien gie meqjus fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Biondy Clayd RAAFENBERG'**[24]:

> '*Mill-qari tal-parti dispożittiva jirriżulta li l-Qorti f'dan il-każ semmiet l-artikolu tal-Kodiċi Kriminali li jikkontempla r-reat peress li indikat l-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali – anżi hija inkludiet l- artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali li huwa preċiżament dak l- artikolu li jikkontempla r-reat f'dan il-każ. Biss jirriżulta verament li hemm imsemmi wkoll l-artikolu 579(1) tal-Kodiċi Kriminali. Minn qari taċ-ċitazzjoni jirriżulta li l-Uffiċjal Prosekutur irrifletta fiċ-ċitazzjoni id-diċitura tal-artikoli 579(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali iżda erronjament indika n-numri tal-artikoli bħala 579(1) u (2) tal- Kodiċi Kriminali. Il-Qorti tal-Maġistrati għamlet l-istess żball.*
>
> *Iżda kemm peress li*
>
> > *(a) l-artikolu li jikkontempla r-reat ġie inkluż mill-Qorti tal- Maġistrati fil-parti dispożittiva tas-sentenza,*

[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Dicembru 2019 (Appell numru 451 tal-2018)

*(b) jirriżulta li dan kien lapsus calami vel computeri ġenwin,*

*(c) mill-kliem użat sabiex jiġi deskritt ir-reat ma hemmx dubju li dak li l-Uffiċjal Prosekutur u l-Qorti kienu qegħdin jirreferu għalih huwa ċar li kien l-artikolu 579(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali*

*(d) mill-piena imposta u mill-konsegwenzi naxxenti mill-piena imposta jirriżulta li dak li l-Qorti erogat u imponiet kienu jaqblu ma dak dispost fl-artikolu 579(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali;*

*(e) żgur li l-Qorti tal-Maġistrati ma kkonfondietx l-artikolu 579(1) ma 579(2) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu ma imponietx is- sanzjoni imsemmija fl-artikolu 579(1) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu ma ordnatx il-konfiska tas-somma imsemmija fl- obbligazzjoni kif stipulat f'dan is-subartikolu* ***u*** *l-ħruġ ta' mandat t'arrest kontra tal-appellat;'*

Dik il-Qorti bhal f'dik il-kawza ma annullatx is-sentenza appellata.

Fil-kaz odjern il-Qorti fis-sentenza appellata qieset li l-ksur kien wiehed mhux ta' konsegwenza serja, u fil-parti dispositiva indikat kemm l-artikolu 579(1) u l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta li ghalkemm il-Prosekuzzjoni indikat l-artikolu 579(1) fl-imputazzjoni, id-dicitura tal-imputazzjoni tirrifletti dak li jistipula l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk l-artikolu li kellu jigi applikat meta tigi inflitta l-piena kien l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Filfatt il-Prosekuzzjoni fic-citazzjoni ghamlet ukoll talba skont l-artikoli 579(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. **Ghalhekk gialadarba l-artikolu applikabbli f'dan il-kaz kien l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma kellhiex diskrezzjoni dwar jekk timponix il-konfiska tal-garanzija personali anke jekk il-ksur ma kienx ta' konsegwenza serja. Il-Qorti kienet obligata li tikkundannah ghal hlas ta' multa jew prigunerija ghal zmien ta' erba' (4) xhur sa sentejn jew it-tnejn kif ukoll il-konfiska tad-depozitu ta' tmint' elef ewro (€8,000) favur il-Gvern ta' Malta kif ukoll il-konfiska tal-garanzija personali fl-ammont ta' tnax-il elf ewro (€12,000)**. Dawn kellhom jigu konfiskati t-tnejn li huma. F'dan il-kaz partikolari, il-Qorti ghazlet li ma tikkonfiskax il-garanzija personali ghalkemm ordnat il-konfiska tad-depozitu. In oltre' lanqas ordnat l-arrest mill-gdid tal-appellant.

Ghalkemm il-konsegwenzi tal-konfiska jistghu ikunu sproporzjonati meta n-nuqqas ta' tharis ta' kundizzjoni ta' helsien mill-arrest ma tkunx wahda ta' konsegwenza serja, il-Qrati huma marbuta b'dak li llum il-gurnata jiprovdi l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Hubert Cini) Vs Christian Bonello'**[25] gie meqjus:

*'Illi huwa minnu illi f'dan il-kaz l-ammont tal-garanzija ta' €10,200 huwa wiehed ferm oneruz, sabiex b'hekk il-piena inflitta fuq l-appellant teccedi bil- kbir l-ghoxrin xahar prigunerija imposta fuqu. Illi l-Qorti Ewropeja ghad- Drittijiet tal-Bniedem kellha okkazzjoni tesprimi l-fehma taghha dwar din id- disposizzjoni tal-ligi u dan sahanitra qabel l-introduzzjoni tal-emenda li permezz taghha mhux biss il-legsilatur ma giex in konformita' ma' din il- fehma anzi ghamel bil-maqlub tad-direzzjoni moghtija mill-Qorti Ewropeja. Illi fil-kaz* ***Gatt vs Malta*** *deciza fis-27 ta' Ottubru 2010 (applikazzjoni numru 28221/08) gie deciz hekk:*

***"The Court observes that Maltese law, in respect of the circumstances in which a bail bond will be forfeited to the Government as a result of a failure to observe bail conditions (Article 579 of the CC), makes no distinction between conditions related to the primary purpose of bail, namely appearance at the trial, and conditions related to other considerations.***

***However, it gave the authorities discretion not to apply the said provision if the breach of conditions was not of a serious nature.***

***In the present case, where the condition breached referred to a curfew and was not connected to the primary purpose of granting bail, the Court has difficulty in understanding the authorities' decision to apply the relevant Article. In this light, the Court finds it relevant to point out that in the absence of proper guidelines as to the exercise of discretion under Article 579, or of a distinction between breaches of conditions relating to the primary purpose of bail and other considerations, Maltese law is deficient in that it can lead to arbitrary and disproportionate results."***

[25] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fit-30 ta' Settembru, 2020 (Appell numru: 66/2019)

*Illi dan il-hsieb tal-Qorti Ewropeja gie imbaghad applikat fil-kawza* ***John Grima vs Avukat Generali*** *deciza fis-16 ta' Marzu 2011 mill-Qorti Kostituzzjonali fejn inghad:*

***".. meta jigi ppruvat li l-imputat jew l-akkuzat kiser xi wahda jew aktar mill-obbligazzjonijiet imposti fuqu, ghandu jkun ghall-Qorti tiddeciedi, skont il-gravita` tal-kaz, ghandhiex tordna li s-somma kollha jew parti (kif hi tistabilixxi) tghaddi favur il-Gvern ta' Malta. B'dan il-mod, il-Qorti tkun tista' tevita li jirrizultaw "elements of shocking disproportionality" li kien il-hsieb wara d- decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' Lawrence Gatt imsemmi, u dan konformament ma' dak li jrid l-Artikolu 5(1)(b) tal- Konvenzjoni Ewropeja u l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li trid li ghandu jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-privazzjoni tal-liberta` u t-twettiq tal-obbligu preskritt mil-ligi. Kif inhi l-ligi taghna llum la hemm 'ceiling' ta' kemm wiehed jista' jehel prigunerija, u lanqas hemm mod kif tigi assessjata l- proporzjonalita`."***

*Illi, kif inghad, illum bl-emendi li dahhlu fis-sehh permezz ta'l-Att VIII tal- 2015 dina id-distinzjoni madanakollu mhux biss ma saritx mill-legislatur, izda dahhlet "blanket provision" li ma thalli l-ebda diskrezzjoni iktar f'idejn il-Qorti billi l-konfiska tal-garanzija jew depozitu ghandha issir tassattivament dejjem immaterjalment jekk il-ksur ikunx wiehed serju jew de minimis.*

*Illi f'dan il-kaz l-att vjolattiv li wassal ghan-nuqqas ta' osservanza ta' wahda mill-kundizzjonijiet imposta fuq l-appellant ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest kien wiehed serju, kif irrimarkat l-Ewwel Qorti fis-sentenza impunjata. Dan ghaliex l-appellant ikkometta reat iehor meta kien marbut fil-kundizzjoni numru 4 tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati tal-31 ta' Lulju 2018 sabiex ma jikkomettiex reat iehor ta' natura volontarja filwaqt li jkun mehlus mill-arrest. Dan maghdud, madanakollu, il-Qorti xortawahda hija tal-fehma illi l- piena kif mahsuba illum ghar-reat li jitkellem dwaru l-artikolu 579(2) tal- Kodici Kriminali huwa ferm oneruz li ma jhalli ebda diskrezzjoni f'idejn il- Qorti tant illi l-appellant jiffaccja zewg pieni ghal kummissjoni tal-istess reat, dak tal-multa u/jew il-prigunerija u wkoll dak tal-konfiska ta' ammont ta' flus li jista' jkun wiehed sostanzjali u li jekk ma jithallasx jigi konvertit f'terminu iehor ta' prigunerija skont il-ligi. Mhux biss izda din il-piena tista' tkun vjolattiva tad-drittijiet fondamentali tal-persuna akkuzata u misjuba hatja bi vjolazzjoni tal-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzoni Ewopeja dwar id- Drittijiet tal-Bniedem u l-element ta'*

*proprozjonalita' li ghandu jigi mhares bejn l-att vjolattiv u l-piena imposta ghal dik il-vjolazzjoni, fatti li din il-qorti hija prekluza milli tindirizza billi tezorbita l-kompetenza taghha, kompetenza li hija mhollija unikament f'idejn il-qrati kostituzzjonali.'*

Kif qieset din il-Qorti fis-sentenza **'Il-Pulizija vs Stefan Muscat'**[26]:

'*Din il-Qorti taqbel li tali piena u cioe' l-konfiska tal-ammont stabbilit fil-helsien mill- arrest taht garanzija hija onoruza izda tqis li din il-Qorti marbuta li timxi ma dak li tiprovdi l-ligi u ghalhekk din il-Qorti mhijiex il-forum fejn ghanda tigi attakkata l-ligi u l-proporzjonalita tal-pieni izda jezistu rimedji ohra u cioe' rikors quddiem il- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali).*'

Din il-Qorti tqis li stante li l-Avukat Generali ma appellax mis-sentenza tal-Ewwel Qorti, din il-Qorti hija prekluza milli zzid il-piena imposta mill-Ewwel Qorti u cioe' ma tistax issa f'dan l-istadju meta kull ma ghandha quddiemha huwa l-appell tal-imputat tordna ukoll il-konfiska tal-garanzija personali u ghalhekk taghti piena aktar onoruza minn dik li ordnat l-Ewwel Qorti. Ghalhekk ma ghandhiex ghazla hlief li tikkonferma fejn il-Qorti ordnat il-konfiska tad-depozitu ta' tmint'elef Ewro (€8,000) favur il-Gvern ta' Malta u fejn ma ordnatx il-konfiska tal-garanzija personali kif ukoll fejn ma ordnatx ir-ri-arrest tal-appellant.

In oltre' in kwantu il-multa ta' elf ewro (€1000), din il-Qorti tqis li hija piena eccessiva fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalhekk sejra tvarjaha u minflokk tikkundanna lill-appellant ghal multa ta' mitejn u hamsin mitt ewro (€250).

Il-Qorti sejra tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti ma ordnatx l-arrest mill-gdid tal-imputat u dan bil-kundizzjoni li jmur jirrisjedi fl-indirizz '"*Sydney*", Triq Sant Indrija, Xewkija, Ghawdex hekk kif degretat skont il-verbal tas-seduta tas- 17 ta' Lulju 2020 wara li giet pronunzjata s-sentenza appellata. Tikkonferma il-bqija fejn zammet ferm id-digrieti tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest u l-Ordni ta' Protezzjoni mahruga mill-Qorti fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma fejn il-Qorti fis-sentenza appellata sabet htija ta' ksur ta' wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u cioe' li l-appellant tkellem jew avvicina x-xhieda tal-

[26] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Ottubru, 2020 (Appell Numru: 133/2020)

Prosekuzzjoni, qieghda thassar u tirrevoka fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati li naqas milli jirrispetta il-hinijiet ta' rinkazar u ghalhekk ma ssibux hati tal-ksur ta' din il-kundizzjoni, qieghda tikkonferma fejn il-Qorti ordnat il-konfiska tad-depozitu ta' tmint'elef Ewro (€8,000) favur il-Gvern ta' Malta u fejn ma ordnatx il-konfiska tal-garanzija personali.

Din il-Qorti qieghda thassar u tirrevoka fejn il-Qorti fis-sentenza appellata ikkundannat lill-appellant ihallas multa ta' elf ewro (€1,000) u minflokk tikkundanna lill-appellant ghal multa ta' mitejn u hamsin ewro (€250).

Il-Qorti tikkonferma fejn il-Qorti ma ordnatx l-arrest mill-gdid tal-imputat u fejn kienet fis-sentenza appellata ghamlet dan bil-kundizzjoni li l-imputat imur jirrisjedi fl-indirizz li kien jirrisjedi fih qabel sehhew dawn il-fatti u cioe' fil-fond 'Trieste Flats', Flat 1, Block 2D, Triq il-Qbajjar Marsalforn izda din il-Qorti tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti b'referenza ghat-talba maghmulha minn Dottor Damien Bigeni ghall-imputat fis-seduta tas- 17 ta' Lulju, 2020 quddiem l-Ewwel Qorti wara li giet pronunzjata s-sentenza appellata fejn talab li minflok fil-fond Trieste Flats, Flat 1, Block 2D, Triq il-Qbajjar Marsalforn stante li dan kien fond mikri u ma ghadux fil-pussess tal-familja tal-imputat, l-imputat imur jirrisjedi fil-fond '*Sydney*', Triq Sant Indrija, Xewkija Ghawdex laqghat din it-talba b'dan li bl-ebda mod u manjiera ma ghandu jersaq lejn l-inhawi tar-residenza tieghu u tal-allegat vittma. Ghalhekk din il-Qorti tikkonferma li l-appellant ghandu jirrisjedi fil-fond bl-indirizz '"*Sydney*", Triq Sant Indrija, Xewkija, Ghawdex b'dan li bl-ebda mod u manjiera ma ghandu jersaq lejn l-inhawi tar-residenza tieghu u tal-allegat vittma. Il-Qorti tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata zammet ferm id-digrieti tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest u l-Ordni ta' Protezzjoni mahruga mill-Qorti fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti qieghda ukoll twissi lill-appellant li huwa ghandu joqghod ghall-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fl-imsemmija digrieti u fl-imsemmija Ordni ta' Protezzjoni.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u x'jigri f'kaz illi huwa ma jonorax l-obbligi tieghu skont l-istess sentenza u l-konsegwenzi relattivi.

**Din il-Qorti qieghda tordna li din is-sentenza tigi notifikata lil Ministru ghall-Gustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza sabiex jigu kkunsidrati emendi sabiex il-Qrati jkollhom diskrezzjoni x'piena japplikaw anke taht l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-Qrati jkunu jistghu jaghtu piena skont il-gravita' ta' ksur tal-kundizzjoni tal-helsien mill-arrest stante li certament li mhux kull ksur ghandu l-istess konsegwenza u l-konfiska tal-ammont stabbilit fid-digriet li bih ikun inghata l-helsien mill-arrest jista' jkun sproporzjonat fic-cirkostanzi.**

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur